# AQUATIC SPORTS ASSOCIATION OF MALTA

## KUMMISSARJU TAD-DIXXIPLINA - 2005

*Proceduri*

**ARTIKLU 1. HATRA**

Il-Kunsill tal-A.S.A. ghandu, fil-bidu ta' kull stagun, jahtar ghadd ta' persuni biex iservu bhala Kummissarji tad-Dixxiplina, il-quddiem riferiti bkala l-Kummissarju, u li jiddelegalhom is-setghat kollha tieghu, skond l-Istatut tal-A.S.A. u fl-ambitu tal-Kodoci ta' Dixxiplina tal-A.S.A. Fuq kazi li jirrigwardaw korruzzjoni, il-kunsill ta'l-A.S.A. ghandu jahtar Board, kompost minn mhux anqas min tlett membri. Dawn l-individwi jistghu maj kunux fuq il-lista ta persuni biex iservu bhala Kummissarji tad-dixxiplina.

**ARTIKLU 2. KOMPETENZA**

i. Il-Kummissarju huwa kompetenti biex jisma' u jiddeciedi fuq rapporti maghmula:
   a. mill- ufficijali ta' l-A.S.A (President, Vici President, Segretarju Generali, Tezorier)
   b. mill-ufficjali ta tal-loghba in kwistjoni, (referees & goal judges) jew
   c. mill-membri tas-Segretarjat tal-loghba in kwistjoni, jew
   d. minn persuni ohra delgati mill-kunsill tal- ASA ghal dan l-iskop. (match inspectors)
   e. minn clubs jew individwi ohra, wara li l-Kunsill tal-ASA jkun approva li tali rapport ghandu jitressqa quddiem il Kummissarju.

ii. Il-Kummissarju huwa kompetenti biex jisma' u jiddeciedi l-kazijiet kollha rraportati lilu, rigwardanti:
   a. Atleti irregistrati ma *clubs*;
   b. persuni imsiehba ma *clubs* inkluzi membri tal-Kumitati relattivi;
   c. *coaches* u/jew *trainers* ta' *clubs*;
   d. *supporters* ta' *clubs*.

**ARTIKLU 3. PROCEDURA FUQ RAPPORTI**

**I RAPPORTI FUQ IL-MATCH CARD.**

a. Rapport fuq match card ghandu jsir mhux aktar tard minn siegha mit-tmiem tal-loghba.

b. Huwa l-obbligu tal-ufficjali tal-clubs li jigbru kopja tal-match card in kwistjoni, hekk kif tali match card tkun giet iffirmata mill-ufficjali tal-loghba. Fin-nuqqas jitqies li l-club koncernat ikun ircieva l-istess match card.

**II RAPPORTI MIR-REFEREES**

a Ir-referee/s tal-loghba in kwistjoni jistghu jaghmlu rapport fuq incidenti fil-field of play. Tali rapport ghandu jsir fuq il-match card.

b Ir-referee/s tal-loghba in kwistjoni jistghu jaghmlu rapport fuq incidenti li jsiru fuq id-deck, fid-dressing rooms, u/jew fuq lis-stands tas-supporters u fil-vicinaza ta' fejn ikun sar il-loghob. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn erba u ghoxrin siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

**III RAPPORTI MIN MATCH INSPECTORS**

a. Il-Match Inspectors tal-loghba in kwistjoni jistghu jaghmlu rapport fuq incidenti fil-field of play il-boghod mill-azzjoni waqt li l-loghba tkun "in progress" meta tali mgieba hazina tkun diretta lejn Ufficjali tal-ASA, Ufficiali tal-loghba, kif ukoll lejn players u s-supporters avversarji. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn erba u ghoxrin siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

b. Il-Match Inspectors tal-loghba in kwistjoni jistghu jaghmlu rapport fuq incidenti li jsiru fuq id-deck, fid-dressing rooms, u/jew fuq l-stands tas-supporters. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn erba u ghoxrin siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

c. Il-Match Inspector jistghu jaghmlu rapport fuq l-incidenti ta' mgieba hazina ta' players, tal-ufficijal tat-teams u tas-supporters li jsehhu fil-vicinanza ta' fejn tkun qed is-sir, jew saret il-loghba. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn 48 siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

II RAPPORTI MINN PERSUNI MSEMMIJA F'SUB-ARTIKLI 2(i)(a), 2(i)(c), 2(i)(e)

a. Persuni msemmija f'sub-artikli 2(i)(a), 2(i)(c), 2(i)(e) jistghu jaghmlu rapport fuq incidenti li jsiru fuq id-deck, fid-dressing rooms, u/jew fuq lis-stands tas-supporters. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn erba u ghoxrin siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

***b***. Persuni msemmija f'sub-artikli 2(i)(a), 2(i)(c), 2(i)(e) jistghu jaghmlu rapport fuq l-incidenti ta' mgieba hazina ta players, ufficijal tat-teams u supporters li jsehhu fil-vicinanza ta' fejn tkun qed is-sir, jew saret il-loghba. Tali rapport, (li jista' isir ukoll fuq il-match card), ghandu jsir u jigi notifikat lill-club ikkoncernat mhux aktar tard minn 48 siegha mit-tmiem tal-loghba. Tali notifika m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub.

**ARTIKLU 4 RAPPORTI OHRA**

a. Taht piena ta'nullita kull rapport ghandu jkun bil-miktub, u ffirmat minn min qed jaghmel ir-rapport u fil-kariga ufficjali tieghu u jkollu fih il-punti u/jew ic-cirkostanzi li fuqhom qed jigi bbazat il-kaz.
b. Il-Kunsill tal-ASA ghandu jiddecidi jekk tali rapport ghandhux jintbaght quddiem il-Kummissarju, jew jigu deciz mill-Kunsill stess.
c. Is-Segrtarjat ghandu jibaghat kopja tar-rapport lill club/s koncernat/i u/jew persuna/i nvoluta/i, kif ukoll avvis bid-data, il-hin u l-post tas-seduta tal-Kunsill u/jew tal-Kummissarju.

**ARTIKLU 5. TERMINU GHAS-SMIEGH**

Il-Kummissarju ghandu jiddeciedi l-kaz, sew jekk kontestat jew le, mill-aktar fis possibli, izda f'kazijiet ta' rapporti fuq players u/jew teams, id-decizjoni ghandha tittiehed mhux aktar tard minn qabel il-bidu ta' l-ewwel impenn li fih jkunu eligibli li jippartecipaw l-individwi koncernati.

**ARTIKLU 6. DMIR TAS-SEGRETARJU GHALL-KUMMISARJU**

Is-Segretarju Generali tal-A.S.A. jew, fl-assenza tieghu, membru tal-Kunsill specjalment delegat ghal dan l-iskop, ghandu jagixxi bhala segretarju ghall-Kummissarju. Hu ghandu jinforma lill-Kummissarju dwar ir-rekord tal-akkuzat fl-istagun kurrenti, kif ukoll jinformah b'decizjonijiet precedenti fuq kazijiet simili, izda bl-ebda mod iehor ma ghandu jinterferixxi mad-deliberazzjoni tal-Kummissarju, b'eccezzjoni li jaghti d-deposizzjoni tieghu tal-fatti fejn ikun il-kaz.

**ARTIKLU 7. RAPPORTI MHUX IKKONTESTATI**

Fil-kazijiet fejn ma jkunx hemm kontestazzjoni, l-Kummissarju jew membri tal-Ezekuttiv tal-ASA ghandu/ghandhom jipprocedi/u u jiddeciedi/u l-kaz fuq il-bazi tar-rapport li jkollu/hom.

**ARTIKLU 8. RAPPORTI IKKONTESTATI**

i. Procedura Ghall-Kontestazzjoni:

a. Fil-kaz li club jew individwu jkun irid jikkontesta kwalunkwa rapport, sew jekk ikun sar fuq *il-match card* jew le, kemm ufficjal tal-club jew l-individwu ghandu javza b'dan lill-ufficijali tal-ASA:

   i. fi zmien nofs siegha min mindu jkun irceva *il-match card* jew ir-rapport, jekk ir-rapport jkun sar min ufficjal barrani, u/jew jekk jkun hemm il-bzonn li tittiehed decizjoni b'urgenza minhabba kif specifikat f'Artiku 5 (Ezempju: Fil-kaz li jkun sa tintlaghab decider)
   ii. fi zmien 24 siegha minn meta jkun irceva l-match card li jkun sar skond Artiklu 3
   iii. fi zmien 48 siegh minn meta jkun irceva r-rapport ghal kazi tar-rapporti l-ohra kollha.

b. Il-kontestazzjoni ghanda ssir bil-miktub u
   i tkun akkompanjata mid-depositu skond kif stipulat fis-sub artiklu (e)
   ii. tkun mseghmmija l-persuna jew il-persuni, li se tkun, jew li se jkunu, tittratta jew jittrattaw l-kaz, kif ukoll lista tax-xhieda, jekk hemm**.**
c. Fil-kaz li r-rapport jigi kontestat, is-Segretarjat ghandu javza b'dan lil persuna li tkun ghamlet ir-rapport.
d. Il-kazijiet kollha li jigu kontestati ghandhom jinstemghu skond it-termini tal-Artiklu 4.
e. *Club/*individwu li jikkontesta rapport irid ihallas depozitu ta' Lm 20 ghar-rapporti konnessi mal-loghob tal-Age Group u Lm 50 ghall kull kontestazzjonijiet ohra, liema depozitu jigi rifondut biss jekk l-akkuzat (*club* jew individwu) jigi liberat *in toto.*

f. Is-Segertarjat ghandu jibaghat (fil-kaz li dan ma’ jkunx diga sar) kopja tar-rapport lill club koncernat u/jew il-persuna nvoluta, notifika bid-data, hin u post tas-seduta tal-Kunsill u/jew tas-seduta tal-Kummissarju kif ukoll l-ismijiet ta’ min jkun se jittratta il-kaz min naha tal-ASA, il-persuna appuntata biex tassistih, u lista tax-xhieda, jekk hemm.

**ii. Smiegh tal-Kontestazzjoni**

a. Fis-seduti fejn ikunu qed jinstemghu l-kazijiet kontestati ghandhom dritt li jattendu s-segwenti persuni:

i. Il-player jew il-persuna rapportata u/jew id-delegat/i akkreditat tal-club koncernat;
ii. Il-persuna li tkun ghamlet ir-rapport, li ghandu dritt illi ggib il-provi kolla, favur il-kaz, inkluz ix-xieda.
iii. Membri tal-Ezecuttive tal-ASA assistiti min persuna appuntat, sabiex tingib il-provi kollha favor il-kaz.
iv.. Il-membri kollha tal-Kunsill b'dana pero' li jattendu biss bhala osservaturi, minghajr id-dritt li jiehdu parti fid-diskussjoni jew decizjoni;
v. Is-Segretarjat ghandu jinforma lil persuni msemmija f'Sub-Artikli 7.ii.a(i) u 7.ii.a(ii) bil-hin u l-post tas-seduta.

**iii. Attendenza tal-Akkuzat**

F'kaz li l-persuna akkuzata tonqos milli tattendi is-seduta, il-Kummissarju ghandu jghaddi biex jiddeciedi l-kaz fl-assenza taghha, f'dik l-istess seduta.

**iv. Attendenza ta' Min Jaghmel ir-Rapport**

Il-persuna li tkun ghamlet ir-rapport ghandha tattendi ghas-smiegh tal-kaz quddiem il-Kummissarju, jekk il-kaz ikun kontestat, pero' l-assenza ta' min ghamel ir-rapport ma ggibx maghha in-nullita' ta' l-istess rapport u l-kaz jigi deciz mill-Kummissarju anke fl-assenza ta' min ghamel ir-rapport, f'dik l-istess seduta. F'dan il-kaz, min ikun ghamel ir-rapport jista' jaghmel rapport iehor aktar iddettaljat ghall-konsiderazzjoni tal-Kummissarju.

## ARTIKLU 9. PIENI

Il-Kummissarju ghandu l-jedd li jwahhal multa jew multi (skond kif irregulat fl-Istatut tal-A.S.A.) fil-kaz li fil-Kodici ma’ hemmx inkluza fil-piena u/jew multa u dana oltre kull piena ohra imsemmija fil-Kodici.

## ARTIKLU 10. DECIZJONIJIET

i. Il-*clubs* ghandhom jigu nfurmati bid-decizjoni tal-Kummissarju mill-aktar fis possibbli, izda mhux aktar tard minn qabel il-bidu ta' l-ewwel impenn li fih jkunu eligibli li jippartecipaw l-individwi koncernati.
ii. Huwa l-obbligu ta' kull *club* koncernat illi jiehu hsieb jinforma ruhhu minghand is-Segretarju Generali tal-A.S.A. dwar id-decizjoni li tkun inghatat, u jekk dan il-*club* koncernat jonqos milli jinforma ruhu jitqies bhala xorta wahda notifikat bid-decizjoni.
iii. Id-decizjonijiet ghandhom ikollhom effett immedjat.

## ARTIKLU 11. APPELLI

Id-decizjonijiet tal-Kummissarju huma appellabli.

## ARTIKLU 12. BDIL TAR-REGOLAMENTI

Dawn ir-regolamenti jistghu jigu emendati qabel il-bidu ta' kull stagun mill-Kunsill tal-A.S.A., kif jidhirlu xieraq.